# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Revoka Nru.: 321/2018 MH**

**Illum, 6 ta' Gunju, 2018**

**Fl-Atti tal-Kawza Numru 734/2016 MH u wara l-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju li jgib in-numru 1325/2016**
**fl-ismijiet:**

**Pierre u Antonella konjugi Galea**
**-Vs-**
**Seaborg Company Limited (C14635)**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors**[1] **ghar-revoka ta' Seaborg Company Limited** li gie prezentat fis-6 ta' April, 2018:

1. *"Illi permezz tar-rikors guramentat numru 734/2016 MH fl-ismijiet Pierre Galea et Vs Seaborg Company Limited (C14635) l-intimati Pierre Galea*

[1] Folio 1

*et qed jippretendu minghand l-esponenti Seaborg Company Limited hlas ta' senserija fuq il-vendita tal-Marina Hotel, f' Tigne Seafront, Sliema u qed jikkawtelaw tali pretensjoni bil-mandat odjern 1325/2016.*

2. *Illi fir-realta' l-intimata Seaborg Company Limited m'ghandha taghti* **assolutament xejn** *lill-intimati Pierre Galea et u dan kif jirrizulta mill-Memorandum of Understanding tat-3 ta' Ottubru 2014 redatt bejn Seaborg Company Limited u Carmelo Stivala Group Limited, li kopja tieghu diga' tinsab fl-atti tal-kawza surreferita u hija mmarkata bhala Dokument A.*

3. *Illi fid-Dokument A surreferit, taht subinciz* ***(C) Obligation of Second Party, subinciz 6,*** *hemm miktub car u tond illi "****No commission is due by Seaborg Company Limited or their shareholders".***

4. *Illi kull senserija u/jew hlas iehor ta' kwalunkwe tip li seta kellu jithallas ai termini tal-Memorandum of Understanding iffirmat bejn Seaborg Company Limited u Carmelo Stivala Group Limited kellu jithallas minn Carmelo Stivala Group Limited in konfront ta' Pierre Galea (KI 476967M) u Victor Camilleri (KI 58175M), u dan kif jirrizulta mill-istess klawzola hawn fuq riferita.*

5. *Illi Seaborg Company Limited m'ghandha taghti l-ebda senserija u/jew kumpens lill-intimati Pierre Galea et stante illi l-kuntratt ta' vendita tal-Marina Hotel, Tigne Seafront, Sliema ma sehhx ma' Carmelo Stivala Group Limited imma ma' terzi fejn l-intimat Pierre Galea ma agixxiex bhala sensar u lanqas ippresta servizzi.*

6. *Illi ghalhekk xejn ma jista' qatt ikun dovut minn Seaborg Company Limited u l-mandat kawtelatorju mahrug minn Pierre Galea et huwa frivolu u vessatorju ghax jirrizulta 'ictu oculi' illi l-ammont dovut mhux prima facie gustifikat ai termini ta' l-Artikolu 836(1)(d) tal-Kap XII tal-Ligijiet ta' Malta.*

7. *Illi jirrizulta wkoll illi ghalhekk wahda mill-htiegijiet tal-ligi ghal hrug tal-att kawtelatorju ma tezistix fil-fatt ai termini ta' l-Artikolu 836(1)(b) tal-Kap XII tal-Ligijiet ta' Malta u fic-cirkostanzi intwera li ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju stante li dan l-att mhux gustifikabbli u mhux mehtieg fic-cirkostanzi kif jirrizulta mill-istess Dokument A ossija subinciz (C) Obligation of Second Party, subinciz 6 fid-Dokument A u dan ai termini ta' l-Artikolu 836(1)(f) tal-Kap XII tal-Ligijiet ta' Malta.*

8. *Illi l-Memorandum of Understanding bejn Carmelo Stivala Group Limited u Seaborg Company Limited ma giex esegwit u finalizzat f'kuntratt ta' bejgh u//jew ta' trasferiment tant li Seaborg Company Limited bieghet il-proprjeta' in kwistjoni lil Kayell Limited ai termini ta' kuntratt tat-3 ta' Frar 2015 fl-atti tan-Nutar Dottor Malcolm Mangion, kopja tieghu diga tinsab fil-process u hija mmarkata bhala Dokument B.*

9. *Illi Pierre Galea et ma kellu* **xejn** *x'jaqsam mal-bejgh tal-Marina Hotel, f' Tigne Seafront, Sliema lil Kayell Limited.*

10. *Illi qabel ma sehh dan il-kuntratt ta' vendita, Dokument B, Carmelo Stivala Group Limited ittenta johrog mandat ta' inibizzjoni numru 1971/2014 LM fl-ismijiet "Carmelo Stivala Group Limited vs Seaborg Company Limited et" liema mandat gie michud mill-Prim' Awla tal-Qorti*

*Civili bid-digriet taghha tat-22 ta' Jannar 2015 li kopja tieghu diga tinsab fil-process u hija mmarkata bhala Dokument C.*

11. *Illi l-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili sabet illi fil-Memorandum of Understanding kien hemm mill-inqas tlett istanzi fejn saret riferenza ghall-fatt illi l-Marina Hotel, f' Tigne Seafront, tas-Sliema kienet soggetta ghal kirja ma' My Hotels Limited gestita mill-ahwa Saliba skond skrittura tas-17 ta' Ottubru 2011 u ghalhekk kienet taf jew kienet f'posizzjoni li tkun taf li s-socjeta' rikorrenti kienet obbligata li toffri lill-inkwilini tal-Marina Hotel ossija l-ahwa Saliba tramite wahda mis-socjetajiet taghhom l-ewwel ghazla li jixtru l-lukanda ghal prezz miftiehem.*

12. *Illi l-intimat Pierre Galea u Victor Camilleri kienu prezenti waqt l-iffirmar tal-Memorandum of Understanding u kienu jafu li kien hemm kirja ma' My Hotels Limited ghax din tirrizulta mill-istess Memorandum of Understanding tat-3 ta' Ottubru 2014.*

13. *Illi gialadarba ma sehhx il-bejgh tal-Marina Hotel, Tigne Seafront, Sliema lil Carmelo Stivala Group Limited l-intimati Pierre Galea et ma jistghux jippretendu l-hlas la minn Carmelo Stivala Group Limited u* ***wisq inqas*** *minn Seaborg Company Limited li ftehmet mal-intimati illi hija mhix obbligata ghall-hlas ta' senserija minnhom pretiza u dan kif jirrizulta mid-Dokument A.*

14. *Illi anke kieku sehh il-bejgh tal-Marina Hotel, Tigne Seafront, Sliema lil Carmelo Stivala Group Limited il-ftehim kien illi kull senserija li tista' talvolta tkun dovuta kellha tithallas minn Carmelo Stivala Group Limited in konfront ta' Pierre Galea (KI 476967M) u Victor Camilleri (KI 58175M), u dan kif jirrizulta mid-Dokument A surreferit u kif ikkonferma*

*Victor Camilleri, xhud prodott mill-intimat Pierre Galea stess, fis-seduta ta' nhar il-Gimgha 23 ta' Marzu 2018 fil-kawza numru 734/2016 MH fl-ismijiet Pierre Galea et Vs Seaborg Company Limited (C14635), fejn dan Victor Camilleri ikkonferma* ***illi kwalsiasi hlas, kieku sar il-bejgh ma' Carmelo Stivala Group Limited, kellu jithallas minn Carmelo Stivala Group Limited u mhux mill-intimata****!*

15.*Illi din hija prova ohra importantissima in sostenn tat-tezi ta' rikorrenti Seaborg Company Limited li turi bic-car illi Seaborg Company Limited qatt ma kellha thallas senserija fuq il-bejgh tal-Marina Hotel f'Tigne Seafront, Sliema. Illi din il-prova kompliet titfa iktar dawl fuq l-istorja u certament li ccarat kwalsiasi dubju li seta kellha din l-Onorabbli Qorti meta fil-15 ta' Jannar 2018 cahdet it-talba tar-rikorrenti sabiex l-intimati jipprovdu garanzija xierqa ghall-hlas ta' penali, danni u imghax, jew fin-nuqqas, it-tnehhija tal-mandat kawtelatorju odjern.*

16.*Illi antecedentment, fid-digriet taghha tal-5 ta' April 2017, wara li din l-Onorabbli Qorti kienet giet mitluba tirrevoka l-mandat odjern, il-Qorti kienet qalet "l-ezekutant huwa ferm konvint mill-pretensjoni tieghu, irrelavanti din issibx success jew le, cioe kienx hu li bil-hidma tieghu wassal ghal bejgh tal-lukanda." Filwaqt illi wiehed jifhem illi l-Qorti setghet f'dak l-istadju hasset li kellha tkompli tikkawtela l-pretensjoni tal-intimat, u dan probabbilment ghax il-gbir tal-provi kien ghadu fi stadju bikri u allura din l-Onorabbli Qorti ma kellhiex il-komfort f'bizzejjed provi, issa zgur li bix-xhieda ta' Victor Camilleri, li tajjeb wiehed jfakkar li kien xhud prodott mill-intimat Pierre Galea stess, il-mizien mhux talli xxaqleb ferm lejn dak li dejjem sostniet is-socjeta rikorrenti Seaborg Company Limited, talli kwazi inqeleb kompletament u smaschera kompletament il-pretensjoni tal-intimat Pierre Galea et. Certament illi*

*b'din ix-xhieda tnehha kull dubju illi hemm jew qatt seta kien hemm xi dritt favur l-intimat Pierre Galea et, u ghalhekk m'ghadux jissussiti prima facie d-dritt ghall-kawtela odjerna.*

17. *Illi bix-xhieda ta' Victor Camilleri fejn hemm ammissjoni illi mhux Seaborg Co Ltd fi kwalsiasi kaz kellha thallas xi senserija jekk talvolta kienet dovuta lil Pierre Galea issa l-posizzjoni legali tbiddlet u jirrizulta li prima facie, m'hemmx drittijiet x'wiehed jikkawtela.*

18. *Illi Seaborg Company Limited qatt ma uzat is-servizzi ta' Pierre Galea ghall-bejgh tal-Marina Hotel, Tigne Seafront, Sliema. Illi l-interlokutur kienet MC Investments Limited, u mhux Pierre Galea, u dan kif jirrizulta mid-Dokument PG1 fl-atti tal-kawza, datat 1 ta' Settembru 2014.*

19. *Illi l-intimat Pierre Galea la huwa azzjonist u lanqas direttur u/jew xi funzjonarju iehor tal-istess socjeta' MC Investments Limited, li hija gestita minn Mario Camilleri (K.I. 766961M) ta' La Palladiana, Harrison Smith Street, Birguma, Naxxar, u dan kif jirrizulta mill-company involvements mahruga mill-MFSA, Dokument MC1 fil-process.*

20. *Illi konsegwentement m'hemm l-ebda relazzjoni guridika bejn Seaborg Company Limited u l-intimati Pierre Galea et u r-rikorrenti m'ghandha taghti xejn lill-intimati u anke jekk kellu jiehu xi haga, dan mhux mis-socjeta' Seaborg imma minn Stivala Group of Companies.*

21. *Illi ai termini tal-Artikolu 836(1) (b), (d), u (f) tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta, dan il-mandat m'ghandux jissussisti stante illi l-att kawtelatorju ma' ghandux jissussisti fil-fatt la d debitu ma jezistix, l-ammont mhuwiex gustifikat kif ukoll fic-cirkostanzi mhuwiex ragonevoli li ghandu jinzamm*

*dan il-mandat fis-sehh stante illi ma' hemm l-ebda relazzjoni guridika bejn Seaborg Company Limited u l-intimati Pierre Galea et.*

22. *Illi in oltre ai termini tal-Artikolu 836(8) tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta, Pierre Galea et ghandhom jigu kkundannati jhallsu penali ta' mhux inqas €1,164.69 u mhux aktar minn €6,988.12 favur l-esponenti stante illi dan il-mandat hareg minghajr raguni valida peress li skond Dokument A is-senserija li talvolta setghet kienet dovuta* **kieku** *sehh it-trasferiment lil Carmelo Stivala Group Limited kienet tkun dovuta mill-istess Carmelo Stivala Group Limited u mhux mir-rikorrenti, u dan kif jirrizulta mis-subinciz (C) Obligation of Second Party, subinciz 6 ta' Dokument A*. *Ghalhekk, gialadarba m'hemm ebda debitu x'jithallas mill-esponenti dan il-mandat mhux biss ghandu jigi revokat imma l-intimati Pierre Galea et ghandhom jigu kkundannati jhallsu l-penali surreferita talli inhareg mandat kawtelatorju b'malizzja u b'mod frivolu u vessatorju kif jirrizulta mill-istess Dokument A*.

23. *Illi ghalhekk jissusistu ir-rekwiziti tal-Artikolu 836(1)(b), (d), (f) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, gia la darba il-htiega tal-ligi ghall-hrug tal-mandat ma tezistix, ossija illi s-sekwestrant ikollu dritt prima facie, li m'ghandux gia la darba huwa car u ovvju li s-senserija kieku kienet dovuta ma kenitx dovuta minn Seaborg Company Limited imma minn terzi u galadarba dan il-mandat inhareg kontra persuna zbaljata li m'hijiex il-leggittimu kuntradittur ghax se mai Carmelo Stivala Group Limited huma debituri taghkom u mhux ir-rikorrenti u li ghalhekk m'ghandhiex tirrispondi ghall-tali talbiet skond il-ligi, u minhabba l-fatt ukoll illi l-ebda talba ghal hlas tas-senserija u/jew kummissjoni ma tista tintlaqa kontra l-esponenti gia la darba l-Memorandum of Understanding tat-3ta' Ottubru 2014 ma sehhx u l-proprjeta' inbieghet lil terzi Kayell Limited u*

*li ghalhekk l-intimati Pierre Galea et ma kellhomx x'jaqsmu ma' dan il-bejgh m'hemm ebda rabta guridika bejn l-esponenti u l-istess Pierre Galea et u ghalhekk mhuwiex ragenevoli li l-mandat jibqa fis-sehh f'dawn ic-cirkostanzi.*

***Ghaldaqstant** l-esponenti qegdhin jitolbu lill-din l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kwalsijasi dikjarazzjoni li jidrilha xierqa u opportuna taqta u tiddeciedi dan ir-rikors billi:*

*(1) Tirrevoka contrario imperio d-digriet tat-13 ta' Settembru 2016 fejn gie milqugh il-mandat ta' sekwestru 1325/16, u konsegwentament tirrevoka l-mandat ta' sekwestru in kwistjoni, u dan ai termini tal-Artikolu 836 (1) (b), (d), (f) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta; u*

*(2) Tikkundanna lill-intimati Pierre Galea et jhallsu il-penali imposti b'artikolu 836(8) tal-Kap. 12 tal- Ligijiet ta' Malta stante li l-mandat hareg b'malizzja u huwa frivolu u vessatorju peress kif jirrizulta mill-Memorandum of Understanding tat-3 ta' Ottubru 2014 ir-rikorrenti Seaborg Company Limited ma kellhom ihallsu l-ebda senserija u/jew kummissjoni lil Pierre Galea et u ghalhekk xejn qatt ma kien jew seta' kien dovut lil.Pierre Galea et.*

*Bl-ispejjez u b'rizerva ghad-danni kkaggunati minhabba l-mandat odjern."*

Rat **ir-risposta**[2] **tar-rikorrenti Pierre Galea et ghar-revoka** li giet prezentata fil-25 ta' April, 2018:

[2] Folio 1

1. *"Illi dina l-Onorabbli Qorti diga ppronunzjat ruhha dwar l-istess talbiet kontenuti f'dan ir-rikors fid-dikriet taghha tal-5 ta' April, 2017 u dwar talba ohra konnessa u relattata fid-dikriet taghha tal-15 ta' Jannar, 2018. Fiz-zewg okkazzjonijiet dina l-Onorabbli Qorti barra li cahdet it-talbiet imressqa mis-socjeta Seaborg Company Limited stqarret li l-esponenti rikorrenti ressqu pretensjoni valida u ghalhekk ghandhom prima facie dritt li jitolbu d-debita kawtela ta' dan id-dritt.*

2. *Illi l-fatt li l-pronunzjamenti ta' dina l-Onorabli Qorti ma joghogobx lis-socjeta Seaborg Company Limited, ma jagthihiex id-dritt li tkompli tressaq l-istess talbiet ghad illi tali komportament barra li huwa assolutament irritwali u legalment zbaljat jikkostitwixxi abbuz tal-procedura invokata, procedura li hija wahda eccezzjonali u ghalhekk ghandha tintuza b'cirkospezzjoni assoluta.*

3. *Illi f'dan l-ennesimu rikors taghha s-socjeta Seaborg Company Limited qieghda titlob lil dina l-Onorabbli Qorti tippronnunzja ruhha dwar il-mertu tal-kawza fl-ismijiet premessi meta l-provi ghadhom ma inghalqux u ma saritx id-debita trattaazzjoni. Dan huwa proceduralment u sostenzjalment zbaljat u skorrett ghad illi l-ebda Qorti ma ghandha jew ma tista' tippronnunzja ruhha qabel ma tkun semghet il-provi kollha u s-sottomissjonijiet tal-partijiet.*

4. *Illi jidher li s-socjeta Seaborg Company Limited ma tifhimx il-htiega u l-importanza tad-dritt ghas-smigh xieraq u l-obbligu li dan id-dritt jigi dejjem u f'kull waqt protett u salvagwardat, meta qieghda b'mod car u inkonfuttabbli titlob pronunzjament ta' din l-Onorabbli Qorti qabel ma din semghet il-provi kollha u t-trattazzjoni tal-partijiet.*

*5. Illi inoltre jekk wiehed jezamina it-talba principali tas-socjeta Seaborg Company Limited wiehed isib li t-talba taghha ghar-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju hija msejsa fuq r-ragunijiet indikati f'paragrafu (b), (d) u (f) tas-sub-artikolu (1) tal-Artikolu 836 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili – Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.*

.

*6. Illi fl-ewwel parti tad-disposizzjoni ta' l-Artikolu 836 taqra hekk: "Minghajr ebda pregudizzju ghal kull jedd iehor taht dan il-Kodici jew kull ligi ohra, l-intimat li jkun inhareg att kawtelatorji kontrih jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun harget l-att kawtelatorji, jew inkella, jekk tkun saret kawza, jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun qeghda titratta dik il-kawza li fih jitlob li l-att kawtelatorji jigi revokat, sew ghal kollox jew f'parti minnu ghal xi wahda mir-ragunijiet li gejjin". Ir-ragunijiet specifikati fil-paragrafi (a) sa (f) huma ezawrjenti.*

*7. Illi fil-provvediment taghha tal-10 ta' Mejju 2001 fil-procediment "Joseph Camilleri et vs Anthony Gove et" din l-Onorabbli Qorti (PA/RCP) irrelevat "li mid-disposizzjoni tal-istess artikolu 836 jidher li l-uniku ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa dak biss ta' prima facie, u dan ghaliex il-mertu kollu jigi nvestigat fil-kawza propja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel il-Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li hwan si statta dejjem ta' procedura preliminari, li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza proprija". Din il-qorti (PA/RCP) osservat illi "dak li trid taghmel il-Qorti f'din ilprocedura huwa biss sabiex tezamina prima facie jekk min hareg il-mandat kellu pretensjoni legali ghall-istess, u dan indipendentament jekk tali pretensjoni hijiex fondata jew le, peress li dan l-ahhar ezami jifforma l-mertu tal-kawza, li din il-Qorti bil-procedura premessa, ovvjament ghandha thalli fil-gudizzju taghha, jew ta' Qorti ohra, ghallezitu tal-*

*kawza" (P.J. Sutters Company Limited vs Concept Limited" – P.A. (RCP) 10 ta' Mejju 2001; "Visa Investments Ltd vs Blye Engineering Co. Ltd" – P.A. (RCP) 7 ta' Frar 2001).*

*8. Illi skond l-insenjament tal-gurisprudenza, dak li l-Qorti ghandha tistharreg huwa jekk ir-rekwiziti li trid il-ligi ghall-hrug ta' mandat ikunu jidhru mill-att innifsu kif ukoll illi tara li l-att ma jkunx inhareg b'mod abbusiv ("Paul Hili vs Dr. Joselle Farrugia" – Qorti tal-Kummerc – GMA – 23 ta' Gunju 1994).*

*9. Illi l-Qorti ghandha dejjem trid gwidata mill-principju li d-dritt ghall-azzjoni gudizzjarja m'ghandux jigi mfixel jew imgarrab b'leggerezza. Jibqa' d-dritt li persuna thares l-intressi taghha fil-milja taghhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jigi defenit minn Qorti. ("Vincent Mercieca vs George Galea" – PA/RCP – 29 ta' Novembru 2001).*

*10. Illi jekk il-quddiem dina l-Onorabbli Qorti wara li tkun qiset il-kwistjoni fil-mertu tasal ghall-fehma li l-pretensjoni tal-ezekutant mhijiex tajba, xorta wahda ma jistax jinghad necessarjament li l-mandat ma kienx iggustifikat ghax is-success jew telfien ta' kwistjoni fil-mertu ma tista' qatt tfisser li mandat kawtelatorji nhareg b'mod vessatorju jew fiergah. ("Jane Spiteri vs Nicholas Camilleri" – PA/JSP – 10 ta' Jannar 1992; "Paul Caruana vs Global Executive Search (Malta) Limited" – PA/JRM – 16 ta' April 2004).*

*11. Illi l-argumenti mressqa mis-socjeta Seaborg Company Limited m'ghandhomx lok f'din il-procedura, izda ghandhom jigu trattati u decizi propju fil-kawza nnifisha, u mhux f'dan l-istadju, ghaliex altrimenti wiehed*

*necessarjament ikun irid jidhol fil-mertu tal-kawza stess, u dan imur oltre l-gudizzju prima facie li din l-Onorabbli Qorti, f'dan l-istadju, hija tenuta li taddotta skond l-istess citat artikolu li a bazi tieghu s-socjeta Seaborg Company Limited ipprezentat ir-rikors odjern.*

*12. Illi ma hemmx dubbju li li fil-kaz tal-mandat ta' sekwestru odjern, il-Qorti qabel harget il-mandat de quo qieset, kif dejjem taghmel, il-mandat b'cirkospezzjoni u attenzjoni kbira. Ghalhekk biex tikseb ir-revoka in toto jew in parte tal-att kawtelatorju, l-esekutata trid turi li ghandha raguni fost is-sitta li jindika l-Art 836(1).*

*13. Illi fil-kaz odjern, is-socjeta eskutata ndikat tlett kawzali u cjoe dawk marbuta mas-sub-paragrafi (b), (d) u (f).*

*14. Illi kwantu ghall-kawzali marbuta mas-sub-paragrafi (b) u (f) fil-provvediment fuq citat tal-10 ta' Awissu 2012 fl-atti tar-rikors mahluf nru 164/12 JRM fl-ismijiet "Jamar Malta Limited (C45236) vs Office Group Limited (C39197)" ghat thassar tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorji nru 609/2012 ipprezentat nhar l-4 ta' Mejju 2012 fl-ismijiet: "Office Group Limited (C3917) vs Jamar Malta Limited (C45236)" il-Qorti qalet hekk dwar l-Art. 836(1)(f) tal-Kap 12:- "Illi jinghad ukoll li id-disposizzjoni tal-ligi taht ezami timplika li, wara l-hrug tal-Mandat, tkun tbiddlet xi cirkustanza li minhabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa' (ghal kollox jew in parti) fis-sehh. Din it-tifsira tohrog mill-kliem "jinzamm" u "aktar mehtieg" li jinsabu fl-imsemmija disposizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiaggustifika l-hrug u z-zamma fis-sehh tal-Mandat issa m'ghadux il-kaz."*

*15. Illi f'dan il-kuntest, din l-Onorabbli Qorti fis-sentenza "Gasanmamo Insurance Limited (C2143) et vs Roc A Go Crane Services Limited (C27553) et", moghtija fis-6 ta' Frar 2014, qalet: "Ghalhekk f'dawn il-proceduri r-rikorrenti ghandhom jippruvaw li tenut kont tac-cirkostanzi kollha specjali tal-kaz mhux ragjonevoli li l-mandat ta' sekwestru kawtelatorji ghandu jibqa' fis-sehh u li xi wahda mill-htigijiet ghall-hrug tal-mandat m'ghandhiex tezisti" (Dr. Tonio Fenech noe v Dr. Patrick Spiteri et. Noe", moghija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-3 ta' Awissu 2003).*

*16. Illi minn kliem il-ligi stess johrog car li sabiex jitwarrab Mandat (jew parti) abbazi ta' dan is-subartikolu hu mehtieg li jkun hemm bidla sostanzjali fic-cirkostanzi mid-data tal-hrug tal-Mandat.*

*17. Illi l-Qorti kompliet tghid illi, "sabiex issir din l-analizi wiehed irid iqis jekk mid-data tal-hrug tal-Mandat ghadhomx jissusistu l-kundizzjonijiet ghall-hrug tal-Mandat". Illi tant hu hekk li fis-sentenza "Stewart Desmond Stanley vs Therese Mangion Galea" tad-29 ta' Lulju 2005, il-Qorti, fl-analizi taghha tas-subartikolu 836(1)(f) regghet iccitat il-kundizzjonijiet ghall-hrug ta' Mandat: "Il-htigijiet tal-ligi procedurali titlob sabiex persuna tista' tohrog Mandat kawtelatorji huma li (a) jkollha pretensjoni ta' dritt kontra l-persuna li dwarha jinhareg il-Mandat; (b) li ssir kawza li fiha tigi mistharrga sewwasew dik il-pretensjoni ta' dritt; (c) li l-Mandat irid ikun ihares ir-rekwiziti mitluba mil-ligi dwar il-hrug tieghu u (d) li tali Mandat jinhareg u jigi esegwit that ir-responsabblilita tal-persuna li tkun talbitu".*

*18. Illi fil-kaz tal-lum, ma tirrizultax il-prova fil-parametri tas-subparagrafu (f) kif debitament imfisser fil-gurisprudenza taghna u dana peress li ma tressqet ebda prova ta' xi cirkostanza li sehhet wara d-data tal-hrug ta-Mandat ta' Sekwestru li maghha is-socjeta Seaborg Company Limited sejset it-talba taghha ghar-revoka.*

*19. Illi kwantu ghall-kawzali marbuta mas-sub-paragrafu (d) is-socjeta Seaborg Company Limited tibni l-ilment taghha dwar din il-kawżali billi tghid ma hemm ebda kumpens dovut lir-rikorrenti esponenti. Dak li l-Qorti ghandha tistharreg fl-ewwel lok huwa jekk jirriżultax mad-daqqa t'ghajn li r-rikorrenti eżekutanti ghandhom bażi ta' pretensjoni (dak li f'oqsma ohra ta' dritt jissejjah il-"fumus juris" tal-pretensjoni dedotta), u fit-tieni lok jekk wasalx biex "jillikwida" tali pretensjoni f'somma li taqbel mal-ammont minnu mahluf fil-Mandat. Wiehed m'ghandu qatt jinsa li f'dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinipju li d-dritt ghall-azzjoni gudizzjarja m'ghandux jigi mfixkel jew imgarrab b'leggerezza, u l-iehor daqstant siewi li huwa dritt li persuna thares l-interessi taghha fil-milja taghhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jigi definit minn Qorti. Jekk il-Qorti ssib li r-rikorrenti eżekutanti ghnadhom, tajjeb jew hażin, pretensjoni ta' hlas allura l-Qorti ma' tistax, f'dan il-waqt, taghti deiżjoni dwar jekk huwiex minnu jew le li l-ammont pretiż huwa misthoqq jew li huwa gholi wisq ghax b'hekk tkun qeghda tiddeiedi l-qofol tal-mertu tal-kawza u tmur lil hinn mill-parametri li hija mistennija tidhol fihom fi proedura bhal din. Illi biex ammont imsemmi f'att kawtelatorju jitqies li huwa eccessiv, jehiteg li jintwera li dan ikun eżagerat fid-dawl tat-talba li ssir jew ikun tant grossolan li ma jistax ma jidhirx mad-daqqa t'ghajn bhala wiehed maghmul b'mod ażżardat. [Ara "Theres Mangion Galea vs Desmond Stanley Stewart" moghija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' Lulju, 2005. Tenut kont li hawn si tratta ta' bejgh ta' lukanda ghall-prezz konsiderevoli u*

*kospikwu, l-ammont pretiz u reklammat certament la jista' jitqies ezagerat u wisq aktar grossolan u azzardat.*

*Ghaldqastant in vista tal-premess u fic-cirkostanzi l-esponenti rikorrenti umilment jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tirrespingi t-talbiet kollha tas-socjeta Seaborg Company Limited kontentuti fir-rikors taghha tas-6 ta' April, 2018 u dan bl-ispejjes kontra l-istess socjeta Seaborg Company Limited."*

Semghet it-trattazzjonijiet relattivi fis-seduta ta' l-4 ta' Mejju, 2018.[3]

**Ikkonsidrat**:

Illi kif ben ippuntwallizaw il-konjugi Galea is-socjeta ezekutata gia presentat rikors bl-istess talbiet imsejjsa fuq l-istess binarji li gie michud minn din il-Qorti kif preseduta bid-digriet tal-5 ta' April 2017.

Jidher lir-rikorrenti qeghdin jergghu jvantaw it-talba aktar ghax qeghdin jistriehu fuq dak li xehed Victor Camilleri fl-ahhar seduta u cioe li Seaborg Limited ma kellha thallas l-ebda senserija lil Pierre Galea ghal bejgh tal-lukanda Marina dan ghaliex skontu l-interlokutur li wassal ghal dan il-bejgh kienet is-socjeta' MC Investments Limited ad esklussjoni ta' Pierre Galea.

Illi in soluzzjoni ta' din il-vertenza u a skans ta' repetizzjoni din il-Qorti se taghmel referenza ghal principji legali u gurisprudenzjali gia riferuti fid-digriet taghha precedenti ukoll ghaliex it-talba hija msejjsa fuq l-istess artikoli tal-ligi. B'zieda ma dan tigbed l-attenzjoni tas-socjeta' rikorrenti li meta hi tat dak id-

[3] Fol21

digriet kienet ferm konxxa tal ftehim riferut bhala *Memorandum of Understanding* datat 30 ta' Ottubru, 2014 Dok A. Ghalhekk ic-cahda taghha kienet bil fors wahda li hadet in konsiderazzjoni dan, dejjem pero bla ma taghmel valutazzjoni approfondita ta' xi jedd vantat.

Dak lir-rikorrenti Seaborg qeghda titlob fir-rikors in ezami huwa lil Qorti taghti piz probatorju ghax xhieda ta' Victor Camilleri. Pero huwa propju hawn lil Qorti tirriskontra problema legali fuq zewg binarji; fl-ewwel lok hi ma tistax tislet xhieda wahda minn dawk migjuba s'issa u dawk li ghad jonqos jitressqu u taghmel din il-bazi taghha ta' dan id-digriet ghaliex tkun qed tkun ingustament selettiva, oltre hekk terga ttenni lil jedd vantat huwa wiehed li bizzejjed li jissussiti mad-daqqa ta' ghajn u b'hekk hi prekluza li f'dawn il-proceduri taghmel ezami approfondit tal-provi mressqa fir-rikors guramentat. Tfakkar ukoll lil konjugi Galea jitkellmu kemm fuq senserija kif ukoll *commission* dan anke fl-isfond ta' dak li jghid id-dokument A kif konfermat mix-xhieda ta' Camilleri.

**Konsegwetement tichad it-talba bl-ispejjez ghas-socjeta' rikorrenti.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imhallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reg.**